MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2013

Numru 169/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

**Younes Teye Abdul Maisara**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront ta' Younes Teye Abdul Maisara ta' tnejn u tletin (32) sena, iben Maisara u Zeinab imwieled il-Palestina fit-28 ta' Ottubru 1983, mahrub minn Lyster Barracks Centru Maghluq, detentur tan-Numru tal-Pulizija ta' l-Immigrazzjoni 05UU-174, talli fit-2 ta' Frar 2009 kif ukoll fix-xhur ta' qabel f'Hal Far Malta, harab minn post ta' kustodja pubbliku u dan bi ksur ta' l-Artikolu 151 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u rat l-atti kollha ta' dan il-kaz;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuza migjuba kontra tieghu;

Rat li l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra it-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl ta’ l-ammissjoni ta’ htija ta’ l-imputat ghall-akkuza migjuba kontra tieghu, il-Qorti ssibu hati ta’ l-istess akkuza.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fatt l-imputat rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, kif ukoll il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 151 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta’ l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija, madanakollu peress illi fil-fehma Taghha f’dan il-kaz jissussistu cirkostanzi li jiggustifikaw is-sospensjoni ta’ dan it-terminu ta’ prigunerija, ai termini ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta tissosspendi t-terminu ta’ sitt (6) xhur prigunerija ghal perijodu ta’ sena (1) mid-data ta’ din is-sentenza.

A tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------